MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR. VINCENT GALEA

Seduta tat-28 ta' Gunju, 2012

Talba Numru. 1022/2009

**Robert DIMECH**

**Vs**

**AIR MALTA plc**

**It-Tribunal,**

Ra **t-talba tal-attur mressqa fl-14 ta’ Dicembru, 2009** u li permezz taghha huwa talab lis-socjeta konvenuta thallsu s-somma ta’ tlett elef erba’ mija erbgha u disghin euro [€3,494] u dan wara li ppremetta hekk:

“L-attur jahdem bhala inginier mas-socjeta konvenuta u twaqqaf mix-xoghol minghajr raguni valida fil-ligi bejn ix-xhur ta’ Ottubru, u Dicembru 2008.

Is-socjeta konvenuta accettat li thallas parti mill-hlasijiet, remunerazzjonijiet u allowances dovuti, izda qeghda tirrifjuta li thallas l-ammonti kollha li kien dovut jippercepixxi l-attur.

L-attur qieghed jitlob hlas tlitt elef erba' mija erba u disghin euro (€3,494) ghalkemm l-ammont l-ammont dovut lilu mis-socjeta konvenuta jeccedi 'l din is-somma.

Qed jintalbu wkoll l-ispejjez, l-imghaxijiet u li r-rapprezentanti tas-socjeta konvenuta jkunu minn issa ngunti ghas-subizzjoni".

Ra **r-risposta tas-socjeta konvenuta** minnha mressqa fid-19 ta' Jannar, 2010 u li permezz taghha hija ecceppiet hekk:

"Talba kkontestata:

1) A bazi ta' preskrizzjoni ta' sena;

2) A bazi tal-fatt, minghajr pregudizzju, illi l-konvenuti mxew skond id-drittijiet taghhom".

Ra l-verbal datat 26 ta' April, 2010 fejn id-difensuri tal-partijiet iddikjaraw li jaqblu li:

a) l-mertu tal-kawza jikkoncerna l-perjodu bejn is-7 ta' Ottubru, 2008 sad-19 ta' Dicembru 2008 u li inoltre l-kumpanija konvenuta rceviet protest gudizzjarju da parti tal-attur fit-30 ta' Ottubru, 2008; u

b) f'Mejju, 2009 l-attur thallas minghand is-socjeta konvenuta kwazi nofs l-ammont dovut lilu ghall-istess perjodu in kwistjoni.

Ra ukoll li fl-istess seduta Dr. Borg Cardona obbliga ruhhu li jipprezenta nota sabiex jindika l-artikoli tal-ligi li a bazi taghhom qed tigi eccepita l-eccezzjoni [tal-preskrizzjoni];

Ra l-verbal datat 2 ta' Mejju, 2012 fejn il-kawza thalliet ghas-sentenza ghal-lum;

Ra l-verbal datat 19 ta' Gunju, 2012 fejn il-partijiet qablu li t-Tribunal jista jghaddi biex jaghti sentenza wahda kemm fuq l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni u kemm fuq il-mertu.

Semgha' x-xhieda;

Ra l-atti;

Ikkunsidra:-

1. **L-attur Robert Dimech**, stqarr li huwa qieghed jitlob hamsin fil-mija (50%) tal-paga tieghu bejn it-8 ta' Ottubru, 2008 u d-19 ta' Dicembru, 2008.

L-attur qieghed jitlob biss hamsin fil-mija (50%) tal-paga ghal dan il-perjodu peress li f'Mejju, 2009 huwa kien ircieva l-hamsin fil-mija (50%) l-ohra differenza.

L-attur izid ighid li huwa reggha beda jahdem mas-socjeta konvenuta fl-20 ta' Dicembru, 2008 u minn dak-in-nhar il-quddiem huwa kien ircieva l-paga kollha.

Fis-seduta tat-12 ta' April, 2011 reggha xehed l-attur li qal li huwa kien ilu jahdem mas-socjeta konvenuta bhala *engineer* sa mis-sena 1994. Qal li l-Hadd 7 ta' Settembru, 2008 huwa tressaq il-Qorti u l-ghada cioe t-8 ta' Settembru, 2008 din kienet festa pubblika. F'dawn iz-zewg granet huwa ma kienx xoghol. Stqarr ukoll li huwa applika ghal gurnata *leave* ghad-9 ta' Settembru, 2008 gimgha qabel u anke din inghatat lilu. Fl-10 ta' Settembru, 2008 huwa kkomunika ma Victoria Attard, segretarja mas-socjeta konvenuta u talabha tinforma lis-superjur tieghu Saviour Falzon li huwa kien qed jitlob li jiehu *indefinite leave*. Irrizulta mix-xhieda ta' l-attur, li meta huwa tressaq il-Qorti ma inghatax il-helsien mill-arrest u allura inzamm arrestat. Irraporta lura ghax-xoghol fl-24 jew fil-25 ta' Settembru, 2008. Kien dak-in-nhar li Saviour Falzon baghat ghalih u infurmah li huwa ma kellhux ghalfejn jidhol lura x-xoghol. Meta l-attur staqsa r-raguni l-ghala kien hemm din id-decizjoni, l-istess Falzon urieh ittra datata 24 ta' Settembru, 2008 fejn kien gie nfurmat li

huwa kien ser jitqieghed taht "*paid leave*" u li kellhu jibqa b'dan l-arrangament sakemm jigi nfurmat ulterjorment.

Fis-7 ta' Ottubru, 2008 huwa ircieva ittra minghand il-*General Manager Human Resources* tas-socjeta konvenuta fejn gie nfurmat li "*... the company is not in a position to offer you alternative work and consequently, with immediate effect, you are being considered as being on unpaid leave*" (fol. 45).

Fit-28 ta' Mejju, 2009 huwa ircieva fil-kont bankarju tieghu *part payment* mill-flejjes dovuti lilu. Huwa ma rcieva l-ebda ittra ma dan il-hlas li kienet qeghda torbot l-accettazzjoni tal-hlas ma xi kondizzjoni.

It-talba tal-attur ghal nuqqas ta' hlasijiet lilu mis-socjeta konvenuta kienet fl-ammont ta' €5898.66c. Minn dan l-ammont, huwa ircieva s-somma ta' €2391.34c fit-28 ta' Mejju, 2009. Il-bilanc bejn dawn iz-zewg ammonti huwa ta' €3507.32 u cioe l-ammont li qieghed jintalab f'dawn il-proceduri.

Fis-seduta ta' l-24 ta' Mejju, 2011, l-attur qal li ghalkemm huwa *engineer*, xogholu huwa li jiddraftja kuntratti sabiex jigu ngaggati "*... foreign maintenance services for Air Malta*" (fol. 78). Huwa qal li biex jahdem ma kellhux bzonn il-OMAS pass u seta jahdem minn kullimkien inkluz mid-dar. Qal ukoll li "*basically I could have done this job from another office outside the restricted area ... I suggested that I moved to the administration buildings or to flight operations which is on the outside of the restricted area*" (fol. 78).

2. Fis-seduta tal-11 ta' Jannar, 2011 **xehed Paul Spiteri**, *executive* fid-Dipartiment tal-*Human Resources*. Huwa qal li l-attur gie ngaggat mas-socjeta konvenuta bhala *engineer*. Fl-24 ta' Settembru, 2008 intbaghtet ittra lill-attur fejn gie infurmat li s-socjeta konvenuta kienet saret taf li kien hemm proceduri kriminali mehudin fil-konfront tieghu "... *u peress li hija prassi ta' l-istess Kumpanija illi din il-persuna li tkun ghaddejja bil-proceduri quddiem il-Qorti u sakemm dawn jigu kjarifikati, allura*

*jiena lill-istess impjegati taghna jinhareg fuq paid leave*” (fol. 20). Dan isir sabiex il-kumpanija tkun tista tivverifika n-natura ta’ dawn il-proceduri kriminali u taht liema cirkostanzi jkunu ttiehdu.

Ghar-rigward tal-proceduri kriminali, x-xhud ighid li dawn ma kellhom x’jaqsmu xejn ma’ l-impjieg u mal-kariga ta’ l-attur. Zied ighid ukoll li x-xoghol ta’ l-attur kien jinvolvi d-dhul tieghu f’*restricted area* u huwa kien ikollu bzonn *pass* sabiex jidhol f’dawn iz-zoni ristretti. In vista ta’ l-ittra li ntbaghtet, is-socjeta konvenuta kkomunikat permezz ta’ ittra datata 24 ta’ Settembru, 2008 mal-*Office of the Manager of the Airport Security* (OMAS) sabiex jaghtiha decizjoni rigward il-permess li kellu l-attur biex jidhol f’zoni ristretti. Dak l-ufficju rrisponda fid-9 ta’ Ottubru, 2008 u li permezz taghha, s-socjeta konvenuta giet infurmata li l-permess li kellu l-attur kien ser jigi rtirat.

Stante li dan il-permess kien gie rtirat, is-socjeta konvenuta nfurmat lill-attur li galadarba huwa “*... ma kienx ghadu fil-pussess ta’ dan l-OMAS pass, ahna ma stajniex nergghu naccettawh lura ghax-xoghol, u peress illi ma kienx jezisti wkoll xoghol alternattiv ahna mbaghad kellna navzawh illi kien ser ikun jinzamm fuq unpaid leave*” (fol. 21).

Fis-17 ta’ Dicembru, 2008 is-socjeta konvenuta regghet kitbet lill- Office of the Manager of the Airport Security sabiex jerga jinhareg pass lill-attur u fil-fatt, fid-19 ta’ Dicembru, 2008 reggha nhareg dan il-pass u l-attur reggha rritorna lura ghax-xoghol.

Ghar-rigward tal-hlas tal-paga ta’ l-attur, ix-xhud ighid li “*s-socjeta konvenuta kienet hadet id-decizjoni li lill-attur terga tirrifondih nofs il-basic salary li suppost kellu jiehu fil-perjodu ta’ l-unpaid leave. Dan il-pagament sar fid-29 ta’ Mejju tas-sena 2009 fl-ammont ta’ elfejn tlett mija u wiehed u disghin ewro u erbgha u tletin centezmu (€2,391.34)*” (fol. 22). Mistoqsi in kontro-ezami dwar il-hlas li qieghed jitlob l-attur permezz ta’ dawn il-proceduri, dan ix-xhud stqarr li “... *ghal perjodu li fuqu qed jintalab il-hlas da parti ta’ l-attur huwa kien jinsab minghajr il-pussess ta’*

*OMAS pass u allura ma setax jidhol ghax-xoghol*" (fol. 22). Finalment, ikkonferma ukoll li nofs il-paga li nghatat lill-attur kienettkopri l-perjodu ta' *unpaid* leave u li dan il-pagament inghata *extra* da parti tas-socjeta konvenuta wara li kien sar xi intervent.

3. **Mark Galea** xehed fit-22 ta' Frar, 2011. Huwa qal li jokkupa l-kariga ta' *General Manager Human Resources* mas-socjeta konvenuta. Qal li fl-24 ta' Settembru, 2008 is-socjeta konvenuta kienet baghtet ittra lill-attur fejn infurmatu li hi kienet taf li kien tressaq il-qorti u li ghalhekk kien qed jitqieghed fuq *forced leave*. Dak-in-nhar stess, is-socjeta konvenuta nfurmat lill-*Manager Airport Security* b'dak li kien sehh ghar-rigward ta' l-attur u talbuh ukoll jghidilhom x'decizjoni kienet ser tittiehed ghar-rigward ta' l-*OMAS pass* li kellu l-attur. Din l-ahhar decizjoni, jispjega x-xhud taqa fil-kompetenza ta' l-Airport Security Committee u mhux f'idejn is-socjeta konvenuta. Izid ighid ukoll li "*... the employment is always subject to whether this OMAS pass is issued or not*". F'dan il-kaz, ix-xhud ighid li huma talbu l-parir ta' l-OMAS sabiex jaraw jekk il-pass kienx ser jigi rtirat jew le. Fit-3 ta' Ottubru, 2008 ircevew ittra minghand l-OMAS li infurmat lis-socjeta konvenuta li l-*pass* kellu jigi rtirat (*withdrawn*).

Fl-24 ta' Settembru, 2008, ix-xhud personalment kiteb lill-attur biex jinfurmah li in vista tal-proceduri kriminali li kien hemm pendenti kontrih, "*... he was being forced to take leave until further notice*" (fol. 28). Qal ukoll li l-attur qatt ma kien sospiz mix-xoghol u li s-socjeta minnu rapprezentata qatt ma kellha problemi, jekk ic-cirkostanzi kienu jippermettu, sabiex l-attur jirritorna lura ghax-xoghol. Pero seta kien hemm xi problema ghar-rigward tal-fatt li huwa ma kellux *pass* u fejn kien jahdem l-attur kien jenhtieg li jkollu dan il-*pass.*

Wara li reggha inhareg il-*pass* mill-OMAS, is-socjeta konvenuta nfurmat mill-ewwel lill-attur li huwa seta jerga jidhol lura ghax-xoghol. Ghalhekk, ighid dan ix-xhud, "*the reason why Mr. Dimech did not work for those two months was because he was not in position of an OMAS pass as it had been witheld*" (fol. 29). Mistoqsi jekk hemmx karigi

mas-socjeta konvenuta li ma jkunx mehtieg dan il-pass biex jahdem, ix-xhud iwiegeb fl-affermattiv.

4. **Mario Bugeja**, xehed fis-seduta tal-24 ta' Mejju, 2011. Qal li kull persuna li tahdem l-Airport jehtieg li jkollha OMAS pass u dan sabiex tkun tista tacceddi ghaz-zoni ristretti. Hija l-kumpanija (socjeta konvenuta) li tapplika ghal hrug ta' dan il-pass u mhux l-individwu. Jghid li fl-24 ta' Settembru, 2008, huwa gie nfurmat mis-socjeta konvenuta li l-impjegat taghha "*was being placed on leave, and this was due to a pending court case*" (fol. 75). Qal ukoll li hu ma kienx jaf li l-impjegat kien talab li jiehu l-leave, izda skond l-imsemmija ittra, kien qieghed jigi implikat li l-attur kien qieghed jitpogga fuq perjodu twil ta' leave. Fil-fatt, dan ix-xhud ighid li r-raguni l-ghala l-OMAS pass tnehha lill-attur ma kienx minhabba l-proceduri kriminali pendenti li kien hemm kontra l-attur izda minhabba li huwa tqieghed taht *forced leave*. Sussegwentement reggha ltaqa s-*security committee* u wara li gie ezaminat ir-rapport tal-pulizija gie stabbilit li l-akkuzi li kien hemm kontra l-attur ma kienux ser jikkawzaw problemi ghar-rigward tas-sigurta u allura ittiehdet decizjoni li l-OMAS pass jerggha jinhareg lill-attur. Din id-decizjoni giet komunikata lis-socjeta konvenuta permezz ta' ittra datata 20 ta' Novembru, 2008.

Ikkunsidra ulterjorment;

5. Permezz ta' din il-kawza, l-attur qieghed jitlob il-hlas ta' tlett elef erba' mija erbgha u disghin euro (€3,494) bhala parti minn hlasijiet, remunerazzjonijiet u allowances dovuti lilu ghax-xhur Ottubru sa Dicembru, 2008 meta huwa twaqqaf minghajr raguni valida mix-xoghol.

6. Is-socjeta konvenuta laqghet ghal din ix-xilja billi fl-ewwel lok qalet li l-kawza hija preskritta peress li lehqet ghaddiet sena minn meta kien dovut l-ammont sakemm giet intavolata l-kawza u fit-tieni lok, li s-socjeta konvenuta imxiet skond id-drittijiet taghha.

7. Nibdew billi naraw l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut u cioe dik tal-preskrizzjoni. Din l-eccezzjoni taqra hekk: "*1) A bazi ta' preskrizzjoni ta' sena*". Fil-verbal tas-26 ta' April, 2010 jirrizulta li "Dr. Borg Cardona jobbliga ruhhu li jipprezenta nota sabiex jindika l-artikoli tal-ligi li a bazi taghhom qed tigi eccepita l-eccezzjoni [tal-preskrizzjoni]". Minkejja din id-dikjarazzjoni, sal-lum, dawn l-artikoli tal-ligi baqghu qatt ma gew iccitati. L-artikolu 2111 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta jistipula li "Il-qorti ma tistax *ex officio* tagħti effett għall-preskrizzjoni, jekk din ma tigix eċċepita mill-parti interessata". L-istess haga ghar-rigward tat-Tribunal. It-Tribunal ma ghandux ifittex biex jara kienx applikabbli ghal kaz xi preskrizzjoni partikolari li ma tkunx giet indikata b'mod car u esplicitu minn min jinvokaha[1].

8. It-Tribunal jista jieqaf hawn, pero jidhirlu ghal kompletezza li anke fil-mertu, din l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni ta' sena ukoll ghandha tigi michuda. Jirrizulta mill-verbal datat 26 ta' April, 2010 li d-difensuri tal-partijiet iddikjaraw li jaqblu li (a) l-mertu tal-kawza jikkoncerna l-perjodu bejn is-7 ta' Ottubru, 2008 sad-19 ta' Dicembru 2008 u li inoltre l-kumpanija konvenuta rceviet protest gudizzjarju da parti tal-attur fit-30 ta' Ottubru, 2008; u li (b) f'Mejju, 2009 l-attur thallas minghand is-socjeta konvenuta kwazi nofs l-ammont dovut lilu ghall-istess perjodu in kwistjoni.

9. Illi ghalhekk, f'Mejju, 2009 kien hemm interuzzjoni tal-preskrizzjoni bil-pagament da parti tas-socjeta konvenuta lill-attur ta' somma flus ghal perjodu bejn Ottubru, 2008 u Dicembru, 2008. Konsegwentement, meta giet intavolata l-kawza odjerna fl-14 ta' Dicembru, 2009, s-sena msemmija mis-socjeta konvenuta kienet ghada ma ghaddietx.

10. Konsegwentement din l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni qeghda tigi michuda.

11. Ghar-rigward tal-mertu tal-kaz, it-Tribunal ma jarax kif is-socjeta konvenuta qeghda tghid li hija kienet

[1] **Vol XXXIII p1 p481**; **Francis Bugeja nomine vs Indri Mecieca**, App Civ 29.05.2000;

legalment korretta taghmel dak li effettivament ghamlet ma’ l-attur. Jibda biex jinghad li l-OMAS pass gie revokat ibbazzat fuq il-fehma li l-attur kien qieghed jitpogga fuq forced leave twil (ara x-xhieda ta’ **Mario Bugeja** fis-seduta tal-24 ta’ Mejju, 2011). Ukoll, l-istess Mario Bugeja jistqarr li r-raguni l-ghala l-OMAS pass tnehha lill-attur ma kienx minhabba l-proceduri kriminali pendenti li kien hemm kontra l-attur izda minhabba li huwa tqieghed taht *forced leave*. Wara li gie ezaminat il-kaz ta’ l-attur, mis-*security committee* gie deciz li jerga jinhareg l-OMAS pass lill-attur l-ghaliex wara li gie ezaminat ir-rapport tal-pulizija gie stabbilit li l-akkuzi li kien hemm kontra l-attur ma kienux ser jikkawzaw problemi ghar-rigward tas-sigurta u allura, kif diga nghad, ittiehdet decizjoni li l-OMAS pass jerggha jinhareg lill-attur. Din id-decizjoni giet komunikata lis-socjeta konvenuta permezz ta’ ittra datata 20 ta’ Novembru, 2008. Issa b’din id-decizjoni o meno, it-Tribunal jaghmel referenza ghall-artikolu 24 tal-Collective Agreement tal-partijiet li jghid:

“*Revocation of Airport Pass*

*If an employee working within a restricted entry area loses the right to work within that area, the Company* ***<u>shall</u>*** *provide that employee with alternative employment, provided the employee has the skill/competence to perform alternative work that is needed by the Company*” sottolinejar tat-Tribunal (fol. 50). Il-kelma li tintuza ma hijiex may izda shall u allura l-kumpanija bilfors ikollha tipprovdi lill-impjegat b’impjieg alternattiv sakemm l-istess impjegat ikollu l-kompetenza necessarja sabiex jaghmel dak ix-xoghol alternattiv. L-attur fl-ahhar xhieda tieghu moghtija fl-24 ta’ Mejju, 2011 ighid li ghalkemm xogholu huwa ta’ *engineer* huwa jiehu hsieb li jiddraftja kuntratti sabiex jigu ngaggati “*... foreign maintenance services for Air Malta*” (fol. 78). Huwa qal li biex jahdem ma kellhux bzonn il-OMAS pass u seta jahdem minn kullimkien inkluz mid-dar. Qal ukoll li “*basically I could have done this job from another office outside the restricted area ... I suggested that I moved to the administration buildings or to flight operations which is on the outside of the restricted area*” (fol. 78). Din id-dikjarazzjoni u xhieda tal-attur qatt

ma giet kkontestata u allura ma t-Tribunal ma ghandux ghalfejn jiddubita mill-awtenticita taghha. Huwa minnu li Paul Spiteri, *executive* fid-Dipartiment tal-*Human Resources* mas-socjeta konvenuta qal li "*ma kienx jezisti wkoll xoghol alternattiv ahna mbaghad kellna navzawh illi kien ser ikun jinzamm fuq unpaid leave*" (fol. 21) pero t-tribunal ma huwiex konvint minn dan. Skond ma xehed l-attur, huwa ma kellhux bzonn dan il-pass biex jahdem. It-Tribunal ma ghandux ghalfejn ma jemminx lill-attur f'dan ir-rigward.

12. Ghar-rigward ta' l-ammont msemmi mill-attur bhala dak dovut lilu u cioe l-ammont ta' tlett elef erba' mija erbgha u disghin euro (€3,494), dan l-ammont qatt ma gie kkontestat mis-socjeta konvenuta u allura t-Tribunal sejjer jaccettah bhala figura korretta.

13. Illi in vista ta' dak li nghad hawn fuq, l-eccezzjonijiet tas-socjeta konvenuta ma jistawx isibu sostenn minn dan it-Tribunal.

14. Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta u jiddeciedi dan il-kaz billi filwaqt li:

i) jichad l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni mqanqla mis-socjeta konvenuta;

ii) jichad il-kumplament ta' l-eccezzjonijiet taghha

u konsegwentement jilqa t-talba ta' l-attur fl-ammont ta' tlett elef erba' mija erbgha u disghin euro (€3,494) u jikkundanna lis-socjeta konvenuta sabiex thallas lill-attur is-somma ta' tlett elef erba' mija erbgha u disghin euro (€3,494) bl-imghaxijiet fuq dan l-ammont jibdew jiddekorru mid-data ta' meta kienu dovuti.

L-ispejjez kollha ghandhom jigu sopportati mis-socjeta konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------